REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 491/2008

tat-3 ta' Ġunju 2008

li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar ir-rifużjonijiet tal-produzzjoni fis-settur taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 98 flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [2] għandu jitħassar mill-1 ta' Lulju 2008 skond l-Artikolu 201(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 li jikkonċerna r-rifondi [ir-rifużjonijiet] tal-produzzjoni fis-settur taċ-ċereali [3] kien emendat sostanzjalment diversi drabi. Wara li kien adottat ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala Regolament Waħdieni dwar l-OKS huwa xieraq li r-Regolament (KEE) Nru 1722/93 ikun adattat kif xieraq. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jitħassar u jinbidel b'Regolament ġdid.

(3) Minħabba s-sitwazzjoni speċjali fis-suq tal-lamtu, u partikolarment minħabba l-ħtieġa li l-prezzijiet jinżammu kompetittivi fir-rigward tal-lamtu prodott f'pajjiżi terzi u importat bħala merkanzija li dwarha l-arranġamenti għall-importazzjoni ma jipprovdux protezzjoni biżżejjed għall-produtturi Komunitarji, l-Artikolu 96 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi għall-għoti ta' rifużjoni fuq il-produzzjoni għal-lamtu miksub mill-qamħirrum, mill-qamħ jew mill-patata u għal ċerti derivattivi użati fil-manifattura ta' ċerti prodotti li lista tagħhom hija magħmula mill-Kummissjoni, jew fl-assenza ta' produzzjoni domestika sinifikanti ta' ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-lamtu, fil-Finlandja u fl-Iżvezja għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għal ċertu ammont ta' lamtu miksub mix-xgħir jew mill-ħafur, sakemm dan ma jġibx miegħu żieda fil-livell tal-produzzjoni tal-lamtu minn dawk iż-żewġ ċereali. L-għan ta' l-għoti ta' din ir-rifużjoni huwa sabiex l-industriji kkonċernati li jużawha jkun jista' jkollhom aċċess għal-lamtu u ċerti derivattivi bi prezz aktar baxx minn dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti msemmija.

(4) Skond l-Artikolu 98 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jeħtieġ li jiġu adottati regoli ddettaljati għall-għoti tar-rifużjonijiet tal-produzzjoni, inklużi regoli għall-kontroll u għall-ħlas, sabiex l-istess regoli jkunu applikati fl-Istati Membri kollha.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi biex issir lista ta' prodotti li fil-manifattura tagħhom jintuża l-lamtu li b'hekk tagħtihom lok għad-dritt tar-rifużjoni.

(6) Biex ikun żgurat li l-miżuri ta' kontroll ikunu effettivi, għandha ssir dispożizzjoni biex il-benefiċjarji tar-rifużjoni jkunu approvati minn qabel mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom ikunu mmanifatturati l-prodotti msemmija hawn fuq.

(7) Jeħtieġ li jiġi ddefinit il-mod kif għandha tkun ikkalkulata r-rifużjoni tal-produzzjoni u kemm-il darba din għandha tkun iffissata. L-aktar metodu sodisfaċenti bħalissa huwa bbażat fuq id-differenza bejn il-prezz tas-suq għaċ-ċereali u l-prezz użat biex ikun ikkalkulat id-dazju ta' l-importazzjoni. Għal raġunijiet ta' stabbiltà, ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha bħala regola ġenerali tkun iffissata kull xahar u, biex ikun hemm mezz biex wieħed jiċċekkja li r-rifużjoni fuq il-produzzjoni tkun tal-valur korrett, il-prezzijiet taċ-ċereali għandhom ikunu mmonitorjati fis-swieq dinjija u f'dawk Komunitarji l-aktar rappreżentattivi. Għandu jkun iċċarat liema swieq Komunitarji għandhom ikunu mmonitorjati, u dan il-monitoraġġ għandu jkun limitat għall-qamħirrum. Minħabba li meta fl-imgħoddi tqiesu l-prezzijiet taċ-ċereali l-oħra dawn ma kellhom l-ebda effett prattiku fuq il-kalkolu ta' l-ammont tar-rifużjoni, referenzi għal ċereali oħra m'għandhomx, għalhekk, ikunu meħtieġa.

(8) Ir-rifużjonijiet tal-produzzjoni għandhom jitħallsu għall-użu tal-lamtu u ta' ċerti prodotti dderivati fil-manifattura ta' ċerti prodotti; huwa meħtieġ tagħrif iddettaljat sabiex jitħaffu l-kontroll u l-ħlas xierqa tar-rifużjonijiet tal-produzzjoni lill-applikanti; l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat għandu jkollha s-setgħa tesiġi lill-applikanti jagħtu kull tagħrif u jippermettu t-twettiq ta' kull kontroll jew spezzjoni meħtieġa sabiex jitwettqu dawn it-tip ta' kontrolli.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 361/2008 (ĠU L 121, 7.5.2008, p. 1).

[2] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).

[3] ĠU L 159, 1.7.1993, p. 112. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).

(9) Il-manifattur tal-prodott mhux bilfors juża l-lamtu bażiku u għalhekk jeħtieġ li titfassal lista ta' ċerti prodotti dderivati mil-lamtu li l-użu tagħhom jagħti d-dritt lill-manifattur li jirċievi r-rifużjoni.

(10) Il-karatteristiċi speċjali tal-lamtu esterifikat jew eterifikat jistgħu jwasslu għal ċerti operazzjonijiet spekulattivi ta' pproċessar bil-ħsieb li tingħata r-rifużjoni tal-produzzjoni aktar minn darba; biex din l-ispekulazzjoni ma titħalliex issir, jeħtieġ li jkun hemm miżuri biex ikun żgurat li l-lamtu esterifikat jew eterifikat ma jerġax ikun ipproċessat f'materja prima li l-użu tagħha jagħti d-dritt li ssir applikazzjoni għal rifużjoni. Il-livell tas-sigurtà għandu jkun adattat sabiex din l-ispekulazzjoni ma titħalliex issir.

(11) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni m'għandhiex titħallas sakemm ma jkunx twettaq l-ipproċessar. Meta l-ipproċessar ikun twettaq, il-ħlas għandu jingħata fi żmien ħames xhur minn meta ssir il-verifika mill-awtorità kompetenti li l-lamtu jkun ġie pproċessat. Madanakollu, għandu jkun possibbli għall-manifattur li jirċievi ħlas bil-quddiem qabel ma jkunu ntemmu l-kontrolli.

(12) Bil-għan li jkunu ssimplifikati u mnaqqsin il-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż biex il-lamti mmodifikati jkunu kkonvertiti mill-ġdid, ikun xieraq li jiżdied l-ammont tar-rifużjoni tal-produzzjoni li 'l isfel minnu ma jitqisux meħtieġa l-miżuri ta' kontroll, mingħajr ma jitkabbar ir-riskju ta' nfiq mhux xieraq tar-riżorsi Komunitarji.

(13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli [1], japplika għall-arranġamenti pprovduti f'dan ir-Regolament. Għalhekk, ir-rekwiżiti ewlenin ta' l-obbligi tal-manifatturi u li huma assigurati bid-depożitu ta' garanzija għandhom ikunu ddefiniti.

(14) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmtu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Skond l-Artikolu 96 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rifużjoni tal-produzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "rifużjoni") tista' tingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jużaw il-lamtu miksub mill-qamħ, mill-qamħirrum, jew mill-patata, jew minn ċerti prodotti dderivati, fil-manifattura tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Għall-Finlandja u l-Iżvezja, tista' tingħata wkoll rifużjoni għall-użu tal-lamtu miksub mix-xgħir u mill-ħafur limitata għal kwantità totali ta' 50 000 tunnellata metrika fil-Finlandja u ta' 10 000 tunnellata metrika fl-Iżvezja.

2. Hu deċiż li tingħata rifużjoni filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari:

(a) il-livell ta' kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi, u l-grad ta' protezzjoni kontra din il-kompetizzjoni mogħti mill-mekkaniżmi tal-politika agrikola komuni u mit-Tariffa Doganali Komuni.

(b) il-progress li sar fit-teknoloġija tal-manifattura u l-utilizzazzjoni tal-lamtu;

(c) il-grad li fih il-lamtu jkun inkorporat fil-prodott finali u/jew il-valur relattiv tal-lamtu fil-prodott finali u/jew l-importanza tal-prodott bħala mezz ta' żbokk għal-lamtu, fil-kuntest tal-kompetizzjoni ma' prodotti oħrajn.

3. L-għoti ta' rifużjoni għal prodott ma għandux joħloq tagħwiġ fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ma' prodotti oħrajn li ma jkunux eliġibbli għal dawn it-tip ta' rifużjonijiet.

4. Jekk ikun stabbilit li jkun sar tagħwiġ wara l-għoti ta' rifużjoni, dik ir-rifużjoni għandha:

(a) titneħħa, jew

(b) tiġi aġġustata, sakemm hu meħtieġ sabiex jitneħħa t-tagħwiġ fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

5. Lamtijiet importati lejn il-Komunità skond skema ta' importazzjoni li tagħti lok għal tnaqqis fid-dazju ta' l-importazzjoni ma jistgħux jibbenefikaw minn rifużjoni tal-produzzjoni.

6. Id-deċiżjonijiet ipprovduti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu t-tifsiriet li ġejjin:

(a) "il-lamtu" tfisser il-lamtu bażiku jew prodott idderivat mil-lamtu kif elenkat fl-Anness II,

(b) "prodotti approvati" tfisser kull prodott elenkat fl-Anness I,

(c) "il-manifattur" tfisser min juża l-lamtu għall-produzzjoni ta' prodotti approvati.

[1] ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

Artikolu 3

1. Fil-każijiet fejn tingħata rifużjoni, din għandha tiġi ffissata darba fix-xahar. Madanakollu, jekk il-prezzijiet tal-qamħirrum u/jew tal-qamħ fil-Komunità jew fis-suq dinji jinbidlu b'mod sinifikanti, ir-rifużjoni kkalkulata skond il-paragrafu 2 tista' tkun immodifikata tul dak ix-xahar biex jitqiesu dawn il-bidliet.

2. Ir-rifużjoni għal kull tunnellata metrika ta' lamtu miksub mill-qamħirrum, mill-qamħ, mix-xgħir jew mill-ħafur għandha tkun ikkalkulata b'mod partikolari abbażi tad-differenza, immultiplikata b'koeffiċjent ta' 1.6, bejn:

(a) il-medja tal-prezzijiet fis-suq tal-qamħirrum fi Franza u fl-Ungerija, valida matul il-ħamest ijiem qabel il-jum ta' l-iffissar; u

(b) il-medja tal-prezzijiet rappreżentattivi ta' l-importazzjoni cif minn Rotterdam użata biex ikunu ddeterminati d-dazji ta' l-importazzjoni fuq il-qamħirrum, innutata matul il-ħamest ijiem ta' qabel ma tibda l-applikazzjoni.

Għall-finijiet tal-kalkolu tad-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) jekk il-prezz tas-suq tal-qamħirrum imsemmi fil-punt (a) jkun ogħla mill-prezz ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iżda jkun inqas minn 155 % ta' dak il-prezz, il-prezz li għandu jitqies għandu jkun il-prezz ta' intervent biż-żieda ta' nofs id-differenza bejn il-prezz reali u l-prezz ta' intervent;

(b) jekk il-prezz tas-suq tal-qamħirrum imsemmi fil-punt (a) jkun ogħla minn 155 % tal-prezz ta' intervent, il-prezz li għandu jitqies għandu jkun il-prezz ta' intervent biż-żieda ta' 27,5 % tal-prezz ta' intervent.

Għal-lamtu tal-patata tista' tkun stabbilita rata differenti li tkun tirrifletti l-prezz minimu indikat fl-Artikolu 4a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/1994 ([1]). F'dak il-każ, il-kalkolu għandu jsir abbażi tal-prezz tas-suq tal-qamħirrum fi Franza u fl-Ungerija msemmi fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu, sa limitu ta' 115 % tal-prezz ta' intervent.

Matul Lulju, Awwissu u Settembru, il-prezz tal-qamħirrum imsemmi fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jitnaqqas bid-differenza bejn il-prezz ta' intervent għaċ-ċereali kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 validu f'Ġunju u dak validu f'Lulju, ħlief jekk il-prezz tal-qamħirrum imsemmi fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu jkun jaqbel diġà ma' dak validu għall-ħsad il-ġdid.

([1]) ĠU L 197, 30.7.1994, p. 4.

3. Ir-rifużjoni li għandha titħallas għandha tkun dik ikkalkulata skond il-paragrafu 2 u mmultiplikata bil-koeffiċjent indikat fl-Anness II li jikkorrispondi mal-kodiċi tan-NM tal-lamtu li jkun użat fir-realtà għall-manifattura tal-prodotti approvati.

4. Id-deċiżjonijiet ipprovduti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 4

1. Il-manifatturi li jkollhom il-ħsieb jitolbu rifużjonijiet għandhom iressqu l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jintuża l-lamtu, u jagħtu t-tagħrif li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

(b) il-firxa ta' prodotti li fihom jintuża l-lamtu, inklużi dawk li jinsabu fil-lista fl-Anness I u dawk li mhumiex, b'deskrizzjoni kompleta u bil-kodiċijiet tan-NM;

(c) l-indirizz/l-indirizzi tal-post/postijiet fejn il-lamtu għandu jiġi pproċessat fi prodott approvat, jekk l-indirizz ikun differenti minn dak tal-manifattur.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-manifattur għal aktar tagħrif.

2. Il-manifatturi għandhom iressqu mpenn bil-miktub lill-awtorità kompetenti li jħallu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi mmonitorjat l-użu tal-lamtu u li huma se jagħtu kull tagħrif meħtieġ.

3. L-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri biex tiżgura li l-manifattur ikun stabbilit u rikonoxxut uffiċjalment fl-Istat Membru.

4. Abbażi tat-tagħrif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel lista ta' manifatturi approvati li hija għandha żżomm aġġornata.

Manifatturi approvati b'dan il-mod biss għandhom ikunu intitolati jitolbu rifużjoni skond l-Artikolu 5.

Artikolu 5

1. Jekk il-manifattur ikun jixtieq japplika għal rifużjoni, huwa għandu jindirizza lill-awtorità kompetenti tiegħu bil-miktub biex jikseb ċertifikat tar-rifużjoni. L-applikazzjonijiet jistgħu jitreqqsu f'kull jum tax-xogħol qabel is-13:00 ħin ta' Brussell.

2. L-applikazzjoni għandha tispeċifika:

(a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

(b) il-kwantità ta' lamtu li ser tintuża;

(c) fil-każ tal-manifattura ta' prodott li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 3505 10 50, il-kwantità ta' lamtu li tkun ser tintuża;

(d) il-post/il-postijiet fejn ikun ser jintuża l-lamtu;

(e) id-dati ppjanati ta' l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar.

3. Flimkien ma' l-applikazzjoni għandu jkun hemm:

(a) id-depożitu ta' garanzija skond l-Artikolu 8,

(b) dikjarazzjoni mill-fornitur tal-lamtu li l-prodott li ser jintuża jkun ġie prodott direttament mill-qamħirrum, mill-qamħ, mix-xgħir, mill-ħafur jew mill-patata, bl-esklużjoni ta' l-użu kollu ta' prodotti sekondarji miksubin waqt il-manifattura ta' prodotti jew merkanzija agrikola oħra.

4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu aktar tagħrif.

Artikolu 6

1. Malli jaslu l-applikazzjonijiet mibgħuta skond l-Artikolu 5, l-awtorità kompetenti għandha tivverifikahom u toħroġ iċ-ċertifikat tar-rifużjoni minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formoli nazzjonali għaċ-ċertifikat tar-rifużjoni li, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġijiet Komunitarji, għandhom jinkludu talanqas it-tagħrif speċifikat fil-paragrafu 3.

3. Iċ-ċertifikat tar-rifużjoni għandu jinkludi t-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 5(2) u jsemmi r-rata tar-rifużjoni u l-aħħar jum tal-validità tiegħu, li għandu jkun l-aħħar jum tat-tielet xahar wara x-xahar tal-ħruġ.

Madanakollu, matul Lulju, Awwissu u sa l-24 ta' Settembru inkluż, il-validità taċ-ċertifikati mitluba tul il-perjodi kkonċernati hi limitata għal 30 jum mill-jum li fih jinħarġu, mingħajr ma jkunu jistgħu jaqbżu l-limitu tat-30 ta' Settembru.

4. Ir-rata tar-rifużjoni applikabbli u msemmija fuq iċ-ċertifikat għandha taqbel ma' dik li tkun valida dakinhar li tasal it-talba.

Madanakollu, fejn xi kwantitajiet ta' lamtu kkwotati fuq iċ-ċertifikat ikunu pproċessati matul is-sena tas-suq taċ-ċereali li tiġi wara dik li fiha tkun waslet l-applikazzjoni, ir-rifużjoni li għandha titħallas għal dak il-lamtu li jkun ipproċessat fis-sena tas-suq il-ġdida għandha tkun aġġustata skond id-differenza bejn il-prezz ta' intervent applikabbli tul ix-xahar tal-konsenja taċ-ċertifikat ta' restituzzjoni u dak applikabbli fix-xahar ta' l-ipproċessar, immultiplikata b'koeffiċjent ta' 1,60. Id-data operattiva għar-rata tal-kambju applikabbli għar-rifużjoni għandha tkun dik imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1913/2006.

Artikolu 7

1. Il-manifatturi li jkollhom ċertifikat tar-rifużjoni mogħti skond l-Artikolu 6 għandhom ikunu intitolati, dejjem jekk ikunu ħarsu r-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament, li jitolbu l-ħlas tar-rifużjoni indikat fuq iċ-ċertifikat, wara li l-lamtu jkun intuża fil-manifattura tal-prodotti approvati kkonċernati.

2. Id-drittjiet abbażi taċ-ċertifikat m'għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 8

1. Il-ħruġ ta' ċertifikat għandu jkun suġġett għad-depożitu ta' garanzija mill-manifattur lill-awtorità kompetenti, ugwali għal 15-il EUR għal kull tunnellata metrika ta' lamtu bażiku, immultiplikata, fejn hu xieraq, bil-koeffiċjent li jkun jaqbel mat-tip ta' lamtu li ser jintuża kif imniżżel fl-Anness II.

2. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata skond ir-Regolament (KEE) Nru 2220/85. Ir-rekwiżit ewlieni skond l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ipproċessar fi prodotti approvati tal-kwantità ta' lamtu msemmija fl-applikazzjoni matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat. Madanakollu, jekk manifattur ikun ipproċessa ta' lanqas 90 % tal-kwantità ta' lamtu msemmija fl-applikazzjoni, huwa għandu jitqies li jkun issodisfa dak ir-rekwiżit ewlieni.

Artikolu 9

1. Il-ħlas definittiv tar-rifużjoni jista' jsir biss wara li l-manifattur ikun għarraf lill-awtorità kompetenti bit-tagħrif li ġej:

(a) id-data jew id-dati tax-xiri u tal-konsenja tal-lamtu;

(b) l-isem u l-indirizz tal-forniturі tal-lamtu;

(c) l-isem u l-indirizz tal-produtturi tal-lamtu;

(d) id-data jew id-dati li fihom kien ipproċessat il-lamtu;

(e) il-kwantità u t-tip ta' lamtu, inklużi l-kodiċijiet tan-NM, li jkunu ntużaw;

(f) il-kwantità tal-prodott approvat muri fuq iċ-ċertifikat u maħdum bl-użu tal-lamtu.

2. Fejn il-prodott imsemmi fuq iċ-ċertifikat ikun jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 3505 10 50, in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha magħha d-depożitu ta' garanzija ugwali għar-rifużjoni tal-produzzjoni li għandha titħallas meta jkun immanifatturat il-prodott ikkonċernat. Madanakollu, meta l-ammont tar-rifużjoni tal-produzzjoni jkun inqas minn 30 EUR għal kull tunnellata metrika ta' lamtu, il-garanzija m'għandhiex tkun meħtieġa u l-verifika u l-miżuri ta' kontroll ipprovduti fl-Artikolu 10 m'għandhomx japplikaw.

Ir-rekwiżit ewlieni, skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, jikkostitwixxi l-użu jew l-esportazzjoni tal-prodott skond id-dispożizzjonijiet rispettivi tal-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament. L-użu jew l-esportazzjoni għandhom isiru fi żmien 12-il xahar wara d-data ta' l-għeluq tal-validità taċ-ċertifikat. Tista' titqies estensjoni ta' mhux iktar minn sitt xhur ta' din id-data ta' l-għeluq abbażi ta' talba ġġustifikata kif imiss imressqa lill-awtorità kompetenti.

3. Qabel ma jsir il-ħlas, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li l-lamtu jkun intuża għall-manifattura tal-prodotti approvati skond it-tagħrif imsemmi fuq iċ-ċertifikat. Normalment dan jinkiseb bl-użu ta' kontrolli amministrattivi, iżda dawn għandhom ikunu megħjuna minn kontrolli fiżiċi meta jkun meħtieġ.

4. Il-kontrolli kollha pprovduti f'dan ir-Regolament għandhom jitlestew fi żmien ħames xhur mid-data li fiha l-awtorità kompetenti jkun waslilha t-tagħrif meħtieġ fil-paragrafu 1.

5. Fejn il-kwantità ta' lamtu pproċessat tkun akbar mill-kwantità murija fuq iċ-ċertifikat, f'dak il-każ il-kwantità żejda, sa limitu ta' 5 %, għandha titqies li kienet ipproċessata skond dak id-dokument, biex b'hekk jingħata dritt għar-rifużjoni indikata fuqu.

Artikolu 10

1. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 9(2) għandha tiġi rrilaxxata biss malli l-awtorità kompetenti tkun irċeviet prova li l-prodott li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 3505 10 50:

(a) ikun intuża fit-territorju doganali tal-Komunità biex ikunu maħduma prodotti oħra minbarra dawk elenkati fl-Anness II; jew

(b) ikun inħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, fil-każ ta' esportazzjoni diretta lejn pajjiżi terzi.

2. Il-prova msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tikkonsisti f'dikjarazzjoni mibgħuta mill-manifattur lill-awtorità kompetenti, li tindika:

(a) jekk il-prodott ikkonċernat għandux ikun ipproċessat,

(b) li l-prodott ikun ser jintuża għall-manifattura ta' prodotti barra minn dawk elenkati fl-Anness II biss,

(c) li l-prodott ikkonċernat ikun ser jinbiegħ biss lil parti li tidħol għall-impenn imsemmi fil-punt (b), abbażi ta' klawsola kuntrattwali stabbilita għal dak il-għan jew ta' kundizzjoni speċifika msemmija fil-fattura tal-bejgħ; il-manifattur għandu jżomm kopja tal-kuntratt tal-bejgħ jew tal-fattura tal-bejgħ, li għandha tinżamm għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità kompetenti,

(d) li l-manifattur ikun jaf bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8,

(e) l-isem u l-indirizz tal-parti li tirċievi l-prodott u l-kwantità involuta jekk il-prodott ikun trasferit,

(f) in-numru tal-kopja ta' kontroll T 5 jekk ix-xerrej ikun jinsab fi Stat Membru ieħor.

3. Fl-aħħar ta' kull tliet xhur, il-manifattur għandu jibgħat il-kopji tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtorità kompetenti tiegħu fi żmien 20 jum tax-xogħol. Meta dawn jaslu, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tgħaddi l-istess dokumenti lill-awtorità kompetenti tax-xerrej fi żmien 20 jum tax-xogħol.

4. Kemm il-manifatturi kif ukoll ix-xerrejja tal-prodott li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 3505 10 50 għandu jkollhom reġistri tal-ħażniet ta' tip approvat mill-Istati Membri biex tkun tista' tiġi vverifikata l-konformità ma' l-impenji u t-tagħrif li jkun hemm fid-dikjarazzjoni tal-manifattur imsemmija fil-paragrafu 2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri se jwettqu verifiki abbażi ta' dawn ir-reġistri tal-ħażniet b'referenza għall-kontijiet finanzjarji, inklużi l-fatturi u l-estratti bankarji, skond il-ħtieġa, biex jaċċertaw lilhom infushom mill-operazzjonijiet kwantitattivi rreġistrati.

Iżda x-xerrejja li, kull tliet xhur, jużaw kwantità tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan dan il-kodiċi tan-NM li tkun inqas minn 1 000 kg, jistgħu jkunu eżentati minn dan l-obbligu.

5 Il-verifika msemmija fil-paragrafu 4 għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri rispettivi fil-post tal-manifattur u tax-xerrej wara l-aħħar ta' kull tliet xhur. Dawn il-kontrolli għandhom jikkonċentraw fuq ir-rikonċiljazzjoni taddejta globali li għandha x'taqsam ma' dak il-perjodu għall-manifatturi u x-xerrejja kkonċernati, b'verifika ddettaljata ta' mill-inqas 10 % tat-tranżazzjonijiet u l-utilizzazzjonijiet kollha li jkunu twettqu.

Din il-verifika għandha tkun iddeterminata mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' analiżi tar-riskju, filwaqt li jitqiesu l-importanza tal-kwantitajiet u s-somom involuti, is-sejbiet minn verifiki preċedenti u fatturi oħrajn li għandhom ikunu deċiżi mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti.

Kull operazzjoni ta' verifika għandha titlesta sa mhux iktar tard minn ħames xhur wara l-aħħar ta' kull tliet xhur.

L-awtorità kompetenti tal-manifattur għandu jkollha r-riżultati ta' kull verifika għad-dispożizzjoni tagħha sa mhux iktar tard minn 20 jum tax-xogħol wara tmiem kull kontroll.

Meta dawn il-verifiki jitwettqu f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-verifiki magħmula bħala parti mill-proċeduri msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1468/81 [1].

6. Jekk jinstabu irregolaritajiet fi 3 % jew aktar tal-kontrolli msemmija fil-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jintensifikaw il-kontrolli.

Fejn ir-riżultati tal-verifiki jiġġustifikaw dan, l-awtorità li tkun irrilaxxat il-garanzija għandha tapplika l-penali msemmija fil-paragrafu 8 għall-manifattur ikkonċernat.

7. Meta l-prodott ikkonċernat ikun is-suġġett ta' kummerċ fi ħdan il-Komunità jew ikun esportat lejn pajjiżi terzi mit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandha tinħareġ kopja ta' kontroll T5 skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [2].

Il-kaxxa numru 104 tal-kopja ta' kontroll għandha tinkludi, fit-titolu "Oħrajn", waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

8. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 7 ma jitħarsux, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandha, mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet nazzjonali, tesiġi ħlas ta' ammont ekwivalenti għal 150 % ta' l-ogħla rifużjoni applikabbli għall-prodott ikkonċernat matul it-12-il xahar preċedenti.

Artikolu 11

1. Ir-rifużjoni kkwotata fuq iċ-ċertifikat għandha titħallas biss għall-kwantità ta' lamtu li tkun ipproċessata fir-realtà. Fl-istess waqt, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 8(1) għandha tiġi rrilaxxata skond it-Titolu V tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

2. Ir-rifużjoni għandha titħallas sa mhux aktar tard minn ħames xhur wara d-data li fiha jkun intemm il-kontroll ipprovdut fl-Artikolu 9(3). Madanakollu, fuq it-talba tal-manifattur, l-awtorità kompetenti tista' tħallas somma bil-quddiem ekwivalenti għar-rifużjoni 30 jum wara li tirċievi t-tagħrif imsemmi. Minbarra l-każijiet fejn il-prodott ikun jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 3505 10 50, din is-somma bil-quddiem għandha tkun suġġetta għad-depożitu ta' garanzija mill-manifattur ugwali għal 115 % tas-somma mogħtija bil-quddiem. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata skond Artikolu 19(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

(a) sa tmiem l-ewwel ġimgħa ta' kull xahar, bil-kwantitajiet ta' lamtu li għalihom matul ix-xahar ta' qabel ikunu tressqu l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati kif indikat fl-Artikolu 5(1);

(b) fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull tliet xhur tas-sena kalendarja, it-tip, il-kwantitajiet u l-oriġini tal-lamtu (il-qamħirrum, il-qamħ, il-patata, ix-xgħir jew il-ħafur) li għalih ikunu tħallsu r-rifużjonijiet u l-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom ikun intuża l-lamtu.

Artikolu 13

Ir-Regolament (KEE) Nru 1722/93 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 144, 2.6.1981, p. 1.
[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

ANNESS I

Prodotti li għalihom jintużaw il-lamtu u/jew id-derivattivi tiegħu, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi u l-kapitoli li ġejjin tan-Nomenklatura Magħquda

Il-kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni
ex 1302	Linef u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġnijiet u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:
	– uċilaġnijiet u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:
ex 1302 32 90	– – – Muċilaġni taż-żerriegħa tal-gwar
ex 1302 39 00	– – Oħrajn:
	– Carrageenan
ex 1404	Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
1404 20 00	– Ħjut tal-qoton li jibqgħu maż-żerriegħa wara t-tfesdiq (*cotton linters*)
ex 1702	Zokkriet oħrajn, inklużi laktows kimikament pur, maltosju, glukows u fruktows, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx ħwawar miżjudin u materjal li jagħti l-kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:
1702 50 00	– Fruktows kimikament pur
ex 1702 90	– Oħrajn, inkluż zokkor maqlub (*invert*):
1702 90 10	– – Maltosju kimikament pur
ex Kapitlu 29	Kimiċi organiċi, eskluži s-sottotitli 2905 43 00 u 2905 44
Kapitlu 30	Prodotti farmaċewtiċi
3402	Aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (*surface-active*) (ħlief sapun); preparazzjonijiet minn dawn l-aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu, preparazzjonijiet għal ħasil (inklużi preparazzjonijiet awżiljarji għal ħasil), u preparazzjonijiet għal tindif, li fihom is-sapun jew le, ħlief dawk tat-titlu Nru 3401
ex Kapitlu 35	Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enżimi bl-esklużjoni tat-titlu Nru 3501 u tas-sottotitli 3505 10 10, 3505 10 90 u 3505 20
ex Kapitlu 38	Diversi prodotti kimiċi bl-esklużjoni tat-titli Nri 3809 u 3824 60
Kapitlu 39	Plastik u oġġetti tiegħu
ex Kapitlu 48	Karta u kartun; oġġetti ta' polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun
4801 00	Karta tal-gazzetti, f'rombli jew folji
4802	Karta u kartun mhux miksijin, ta' tip użati għal kitba, stampar jew għanijiet grafiċi oħrajn, u stokk tal-kartun ta' l-ippanċjar u karta għat-tejp ta' l-ippanċjar, f'rombli jew folji, ħlief karta li taqa' fi ħdan it-titli Nru 4801 jew 4803; karta jew kartun magħmulin bl-idejn
4803 00	Materjal lest biex isir minnu tixju tat-tojlit jew tal-wiċċ, materjal lest għax-xugamani jew srievet u karta simili ta' tip użata għal għanijiet tad-dar jew sanitarji, materjal artab ta' ċelluloża u nsiġ ta' fibri ċelluloži, imġegħdin (*creped*) jew le, imkemmxin, imqabbżin, imtaqqbin, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat, f'rombli jew folji
4804	Karta jew kartun kraft mhux miksi, f'rombli jew folji, ħlief dawk ta' titlu Nru 4802 jew 4803
4805	Karta jew kartun oħrajn mhux miksi, f'rombli jew folji, mhux maħdumin jew ipproċessati aktar minn kif speċifikat fin-nota 2 fil-Kapitlu 48 tan-Nomenklatura Magħquda
4806	Parċmina veġetali, karti oljati, karti għat-traċċar u karti jleqqu (*glassine*) u karti oħrajn igglejżjati trasparenti jew translucidi, f'rombli jew folji

Il-kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni
4807	Karta u kartun komposti (magħmulin billi jitwaħħlu saffi ċatti ta' karta jew kartun flimkien b'kolla), mhux bil-wiċċ miksi jew mimli kimika (*impregnated*), kemm jekk mirfudin minn ġewwa jew le, f'rombli jew folji
4808	Karta u kartun, immewweġ (b'folji ċatti nkullati fil-wiċċ jew mingħajrhom), imġegħdin, imkemmxin, imqabbżin jew imtaqqbin, f'rombli jew folji, ħlief karta tat-tip deskritt f'titlu Nru 4803
4809	Karta saħħara, karta li tikkopja minnha nfisha u karti oħrajn għal ikkupjar jew trasferiment (inklużi karta miksija jew mimlija kimika (*impregnated*) għal stensils tad-duplikatur jew pjanċi ta' l-*offset*), stampati jew le, f'rombli jew folji
4810	Karta u kartun, miksijin min-naħa waħda jew miż-żewġ naħat b'kawlina (tafal taċ-Ċina) jew sustanzi oħrajn inorganiċi, b'materjal li jgħaqqad jew le, u mingħajr ebda kisja oħra, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat f'rombli jew folji
4811	Karta, kartun, materjal artab ta' ċelluloża u nsiġ ta' fibri ċellulożi, miksijin, mimlijin kimika (*impregnated*), mgħottijin, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat, f'rombli jew folji, ħlief oġġetti tat-tip deskritt titli Nru 4803, 4809 jew 4810
4812 00 00	Blokki, ċangaturi u pjanċi ta' filtru, ta' polpa tal-karta
ex 4813	Karta tas-sigarretti, maqtugħa għal qies jew le jew f'forma ta' libretti jew tubi:
ex 4813 90	– Oħrajn
ex 4814	Karta tal-ħajt u kisi simili tal-ħajt; trasparenzi tal-karta għal twieqi:
4814 10 00	– Karta ivvinata ("*ingrain*")
4814 20 00	– Karta tal-ħajt u kisi simili tal-ħajt, magħmul minn karta miskija jew mgħottija, fuq in-naħa tas-sewwa, b'saff ta' plastiks ivvinat, imqabbeż, miżbugħ, stampat b'disinn jew imżejjen mod ieħor
4814 90	– Oħrajn
ex 4816	Karta saħħara, karta li tikkopja minnha nfisha u karti oħrajn għal ikkupjar jew trasferiment (ħlief dawk li jaqgħu fi ħdan it-titlu Nru 4809), stensils tad-duplikatur u pjanċi ta' l-*offset*, ta' karta, ippreżentati fil-kaxxi jew le:
4816 10 00	– Karta saħħara jew karti simili għall-ikkupjar
4816 90 00	– Oħrajn
Kapitlu 52	Qoton (Tajjar)
ex 5801	Drappijiet bil-pil minsuġin u drappijiet ta' xinilja, ħlief drappijiet ta' titlu Nru 5806:
	– Tal-qoton:
5801 21 00	–– Drappijiet ta' tgħama bil-pil mhux maqtugħin
ex 5802	Drapp tax-xugaman terri u drappijiet minsuġin terri simili, ħlief drappijiet dojoq ta' titlu Nru 5806; drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż, ħlief prodotti ta' titlu Nru 5703:
	– Drapp tax-xugaman terri u drappijiet minsuġin terri simili, tal-qoton:
5802 11 00	–– Mhux ibbliċjati
5802 19 00	–– Oħrajn
ex 5803	Garża, ħlief drappijiet dojoq li jaqgħu fi ħdan it-titlu Nru 5806:
5803 10 00	– Tal-qoton

ANNESS II

Lamti bażiċi u prodotti dderivati mil-lamtu

Il-kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni	Il-kwantità ta' lamtu meħtieġa biex tkun prodotta tunnellata metrika waħda (Il-koeffiċjent)
	A. LAMTI BAŻIĊI ([1]) ([2])	
ex 1108	Lamti; inulina:	
	– Lamti:	
1108 11 00	–– Lamtu tal-qamħ	1,00
1108 12 00	–– Lamtu tal-qamħirrum	1,00
1108 13 00	–– Lamtu tal-patata	1,00
ex 1108 19	–– Lamti oħrajn:	1,00
	B. IL-PRODOTTI DDERIVATI LI ĠEJJIN META JKUNU BBAŻATI FUQ TA' HAWN FUQ	
1702	Zokkriet oħrajn, inklużi laktows kimikament pur, maltosju, glukows u fruktows, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:	
ex 1702 30	– Glukows u ġulepp tal-glukows, li ma fihomx fruktows jew fihom fl-istat xott anqas minn 20 % tal-piż fruktows:	
	–– Oħrajn:	
	––– Li fihom fl-istat xott 99 % jew iktar skond it-toqol tal-glukows:	
1702 30 51	––––– F'forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqad jew le	1,304
1702 30 59	––––– Oħrajn ([3])	1,00
	––– Oħrajn	
1702 30 91	––––– F'forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqad jew le:	1,304
1702 30 99	––––– Oħrajn ([3])	1,00
ex 1702 40	– Glukows u ġulepp tal-glukows, li fihom fl-istat xott għallinqas 20 % iżda inqas minn 50 % tal-piż fruktows:	
1702 40 90	–– Oħrajn ([3])	1,00
ex 1702 90	– Oħrajn, inkluż zokkor maqlub (*invert*):	
1702 90 50	–– Maltodextrin u ġulepp tal-maltodextrin:	
	––– F'forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqad jew le:	1,304
	––– Oħrajn ([3])	1,00
	–– Karamella:	
	––– Oħrajn:	
1702 90 75	––––– F'forma ta' trab, mgħaqqad jew le	1,366
1702 90 79	––––– Oħrajn ([3])	0,95
ex 2905	Alkoħoli aċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom:	
	– Alkoħoli polidriċi oħrajn:	
2905 43 00	–– Mannitol	1,52

Il-kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni	Il-kwantità ta' lamtu meħtieġa biex tkun prodotta tunnellata metrika waħda (Il-koeffiċjent)
2905 44	-- D-gluċitol (sorbitol):	
	--- F'soluzzjoni ta' l-ilma:	
2905 44 11	---- Li fih 2 % jew inqas tal-piż ta' D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol (4)	1,068
2905 44 19	---- Oħrajn (4)	0,944
	--- Oħrajn:	
2905 44 91	---- Li fih 2 % jew inqas tal-piż ta' D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol	1,52
2905 44 99	---- Oħrajn	1,52
3505	Destrini u lamti oħrajn modifikati (per eżempju lamti preġelatinizzati jew esterifikati); kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn modifikati:	
ex 3505 10	- Destrini u lamti oħrajn modifikati:	
3505 10 10	-- Destrini (5)	1,14
	-- Lamti oħrajn modifikati:	
3505 10 90	--- Oħrajn (5)	1,14
3505 20	- Kolol	1,14
ex 3809	Aġenti għall-irfinar, katalisti (*carriers*) biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (per eżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li ma humiex speċifikati jew inklużi band'oħra:	
3809 10	- B'bażi ta' sustanzi amilaċeużi (5)	1,14
ex 3824	Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' funderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi ta' l-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; prodotti residwali ta' l-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:	
3824 60	- Sorbitol ħlief dak li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 2905 44:	
	-- F'soluzzjoni milwiema	
3824 60 11	--- Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol (4)	1,068
3824 60 19	--- Oħrajn (4)	0,944
	-- Oħrajn:	
3824 60 91	--- Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-gluċitol	1,52
3824 60 99	--- Oħrajn	1,52

(1) Il-koeffiċjent muri japplika għal-lamtu b'kontenut ta' materja niexfa ta' mill-inqas 87 % fil-każ tal-lamti tal-qamħirrum u tal-qamħ, u ta' mill-inqas 80 % fil-każ tal-lamtu tal-patata.
Ir-rifużjoni tal-produzzjoni li għandha tithallas għal-lamtu bażiku b'kontenut ta' materja niexfa aktar baxx minn dak muri għandha tkun aġġustata bl-użu tal-formola li ġejja:
(1) Lamtu tal-qamħirrum jew tal-qamħ: (Il-perċentwali attwali ta' materja niexfa/87) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni.
(2) Lamtu tal-patata: (Il-perċentwali attwali ta' materja niexfa/80) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni.
Fejn ir-rifużjoni tal-produzzjoni tithallas għal lamtu li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1108, il-purità tal-lamtu fil-materja niexfa għandha tkun ta' mill-inqas 97 %.
Il-grad ta' purità tal-lamtu f'materja niexfa huwa ddeterminat bl-għajnuna ta' wieħed mill-metodi ppubblikati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kummissjoni 72/199/KEE (ĠU L 123, 29.5.1972, p. 6).

(2) Prodott direttament mill-qamħirrum, mill-qamħ, jew mill-patata, bl-esklużjoni ta' l-użu kollu ta' prodotti sekondarji miksubin waqt il-manifattura ta' prodotti jew merkanzija agrikola oħra.

(3) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha tithallas għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM b'kontenut ta' materja niexfa ta' mill-inqas 78 %. Ir-rifużjoni tal-produzzjoni li għandha tithallas għal prodotti li jaqgħu fi ħdan dawn il-kodiċi tan-NM b'kontenut ta' materja niexfa aktar baxx minn 78 % għandha tkun aġġustata bl-użu tal-formola li ġejja: (Il-perċentwali attwali ta' materja niexfa/78) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni.

(4) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha tithallas għad-D-gluċitol (sorbitol) f'soluzzjoni milwiema b'kontenut ta' materja niexfa ta' mill-inqas 70 %. Fejn il-kontenut ta' materja niexfa jkun inqas minn 70 %, ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha tkun aġġustata bl-użu tal-formola li ġejja: (Il-perċentwali attwali ta' materja niexfa/70) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni.

(5) Ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha tithallas għall-kontenut attwali ta' materja niexfa tal-lamtu jew tad-destrin.

ANNESS III

Annotazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 10(7)

— *bil-Bulgaru:*	Предназначено за преработка или доставка съгласно Регламент (ЕО) № 491/2008, или за износ извън митническата територия на Общността.
— *bl-Ispanjol:*	Se utilizará para la transformación o la entrega, de conformidad con el artículo 10 del Reglamento (CE) nº 491/2008 o para la exportación a partir del territorio aduanero de la Comunidad.
— *biċ-Ċek:*	Použije se pro zpracování nebo dodávku v souladu s článkem 10 nařízení Komise (ES) č. 491/2008 nebo pro vývoz z celního území Společenství.
— *bid-Daniż:*	Til forarbejdning eller levering i overensstemmelse med artikel 10 i forordning (EF) nr. 491/2008 eller til udførsel fra Fællesskabets toldområde.
— *bil-Ġermaniż:*	Zur Verarbeitung oder Lieferung gemäß Artikel 10 der Verordnung (EG) Nr. 491/2008 oder zur Ausfuhr aus dem Zollgebiet der Gemeinschaft bestimmt.
— *bl-Estonjan:*	Kasutatakse töötlemiseks või tarnimisekskomisjoni määruse (EÜ) nr 491/2008 artikli 10 kohaselt või ekspordiks ühenduse tolliterritooriumilt.
— *bil-Griegin:*	Προς χρήση για μεταποίηση ή παράδοση σύμφωνα με το άρθρο 10 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 491/2008 ή για εξαγωγή από το τελωνειακό έδαφος της Κοινότητας.
— *bl-Ingliż:*	To be used for processing or delivery in accordance with Article 10 of Commission Regulation (EC) No 491/2008 or for export from the customs territory of the Community.
— *bil-Franċiż:*	À utiliser pour la transformation ou la livraison, conformément à l'article 10 du règlement (CE) nº 491/2008, ou pour l'exportation à partir du territoire douanier de la Communauté.
— *bit-Taljan:*	Da utilizzare per la trasformazione o la consegna, conformemente all'articolo 10 del regolamento (CE) n. 491/2008, o per l'esportazione dal territorio doganale della Comunità.
— *bil-Latvjan:*	Izmantošanai pārstrādei vai piegādei saskaņā ar Komisijas Regulas (EK) Nr. 491/2008 10. pantu, vai arī eksportam no Kopienu teritorijas.
— *bil-Litwan:*	Naudoti perdirbimui arba pristatymui pagal Komisijos reglamento (EB) Nr. 491/2008 10 straipsnį, arba eksportui iš Bendrijos muitų teritorijos.
— *bl-Ungeriż:*	Az 491/2008/EK bizottsági rendelet 10. cikkével összhangban történő feldolgozásra vagy szállításra vagy a Közösség vámterületéről történő kivitelre irányuló felhasználásra.
— *bil-Malti:*	Biex jintuża għall-ipproċessar jew għall-kunsinna b'konformità ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 491/2008 jew għall-esportazzjoni mit-territorju doganali tal-Komunità.
— *bl-Olandiż:*	Bestemd voor verwerking of levering overeenkomstig artikel 10 van Verordening (EG) nr. 491/2008 of voor uitvoer uit het douanegebied van de Gemeenschap.
— *bil-Pollakk:*	Do przetwarzania lub dostaw, zgodnie z art. 10 rozporządzenia Komisji (WE) nr 491/2008, lub do wywozu z terytorium celnego Wspólnoty.
— *bil-Portugiż:*	A utilizar para transformação ou entrega, em conformidade com o disposto no artigo 10.º do Regulamento (CE) n.º 491/2008, ou para exportação a partir do território aduaneiro da Comunidade.
— *bir-Rumen:*	A se folosi pentru procesare sau livrare, conform articolului 10 din Regulamentul (CE) nr. 491/2008, sau pentru export de pe teritoriul vamal al Comunității.
— *bis-Slovakk:*	Na použitie pri spracovaní alebo dodávke v súlade s článkom 10 nariadenia Komisie (ES) č. 491/2008 alebo na vývoz z colného územia Spoločenstva.
— *bis-Sloven:*	Za predelavo ali dobavo v skladu s členom 10 Uredbe Komisije (ES) št. 491/2008 ali za izvoz iz carinskih območij Skupnosti.
— *bil-Finlandiż:*	Käytetään jalostamiseen tai toimittamiseen asetuksen (EY) N:o 491/2008 10 artiklan mukaisesti taikka vientiin yhteisön tullialueelta.
— *bl-Iżvediż:*	Avsedd för bearbetning eller leverans i enlighet med artikel 10 i kommissionens förordning (EG) nr 491/2008 eller för export från gemenskapens tullområde.